# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 28 t'April 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 106/2025 JPG**

**Kawza nru.: 24**

**VS**
**U**
**AS**
**Vs**
**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 5 ta' Marzu 2025, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-Partijiet iżżewġu nhar is-Sebgħa ta' Ottubru tas-sena Elf Disa' Mija Wieħed u Tmenin (07/10/1981) ġewwa l-Knisja tal-Kappuċini, l-Floriana (Kopja taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.A');*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ b'kollox twieldu żewġt itfal, u ċioé DS kif ukoll LS li t-tnejn li huma laħqu l-età maġġorenni u għandhom aktar minn X sena (kopja taċ-Ċertifikati tat-Twelid qed jiġu annessi u mmarkati bħala 'DOK.B' u 'DOK.Ċ');*

3. *Illi l-Partijiet ilhom separati de facto sa minn April tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) mentri ilhom separati de jure sa mis-Sitta u għoxrin ta' Marzu tas-sena Elfejn u Dsatax (26/03/2019) permezz ta' Att ta' Firda Personali liema Att Pubbliku ġie awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u li huwa fl-Atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi (Kopja tal-Kuntratt tas-Separazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.D');*

4. *Illi għaldaqstant, m'hemm ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-Partijiet;*

5. *Illi bil-ġurament, l-esponenti qed jiddikjaraw li m'hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut;*

6. *Illi l-Partijiet qegħdin jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin u llum il-ġurnata għandhom il-ħajja tagħhom. Għaldaqstant, l-esponenti qed jiddikjara bil-ġurament li ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni;*

7. *Illi l-Mara qed tiddikjara li ma tixtieqx tirriverti għal kunjomha xebba u għalhekk hija tixtieq li tibqa bil-kunjom taż-żwieġ iżżomm u ċioé S.*

8. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (KAP.16) tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi ma' dan ir-Rikors, qed jiġu annessi l-Affidavits tal-Esponenti nfushom (Affidavits qed jiġu annessi u mmarkati bħala 'DOK.E' u 'DOK.F');* ***Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-Esponenti umilment qed jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:***

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar is-Sebgħa ta' Ottubru tas-sena Elf Disa' Mija Wieħed u Tmenin (07/10/1981) ġewwa l-Knisja tal-Kappuċini, l-Floriana;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-Partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 20)

**Ikkonsidrat:**

**VS (vide affidavit fol 18) xehed** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar is-7 t'Ottubru 1981 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 26 ta' Marzu 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**AS xehdet (vide Fol 19)** u kkonfermat u kkorroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu***

***għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 t'Ottubru 1981 liema zwieg jgib certifikat numru 2048/1981 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, llum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Clinton Bellizzi nhar is-26 ta' Marzu 2019 (Vide fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2048/1981 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**